# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Hubert Cini)**

**vs**

**Anthony James**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Anthony James** detentur ta' karta tal-identita' bin-numru 692862M u li ġie mixli talli fit-12 ta' Ġunju 2015 bejn it-8:25 u d-9:00 fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, Paola :

1. m'obdiex l-ordinijiet leġittimi tal-awtorita' u ċjoe tal-Maġġur CO 109 Conrad Saliba, CO 88 Alexander Desira, CO177 Matthew Cilia, CO 1 Chris Azzopardi, CO 31 Patrick Caruana, CO 140 Josef Bonnici, CO 180 Mario Ellul, CO 165 Dennis Thornton, CO 134 Kenneth Fenech, CO 165 Josef Barbara, CO 127 Jason Farrugia li huma persuni inkarigati minn servizz pubbliku jew ma ħallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi tad-dmirijiet tagħhom jew b'xi mod ieħor, mingħajr jedd, indaħal fi dmirhom billi ma ħallihomx

jagħmlu dak li b'liġi kienu ordnati li jagħmlu jew jistgħu jagħmlu, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li huma għamlu skont il-Liġi u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali;

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bil-ħsieb li jagħmel ħsara lil xi persuna akkuża lil dik il-persuna quddiem awtorita' kompetenti b'reat, filwaqt li kien jaf li dik il-persuna kienet innocenti u dan bi ksur tal-Artikolu 101 tal-Kodiċi Kriminali;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bil-qerq ħoloq jew ġiegħel li jidher li donnu kien hemm fatti jew ċirkostanzi sabiex dan il-fatt jew ċirkostanza ikunu jistgħu il-quddiem jiswew bi prova kontra persuna oħra, bil-ħsieb li dik il-persuna tkun tista' kontra s-sewwa tiġi akkużata jew misjuba ħatja ta' reat, u dan bi ksur tal-Artikolu 110(1) tal-Kodiċi Kriminali;
4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi iddenunzja lil Pulizija Eżekuttiva reat li jaf li ma sarx inkella bil-qerq ħoloq traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proceduri kriminali sabiex jiżguraw li dan ir-reat seħħ u dan bi ksur tal-Artikolu 110(2) tal-Kodiċi Kriminali;
5. Illi l-imputat irrenda ruħu wkoll reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u dan permezz ta' sentenzi li ġew mogħtija kontra tiegħu u li ma jistgħux jinbidlu;

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex tapplika l-Artikolu 33A tal-Kodiċi Kriminali.

Rat li matul is-seduta tat-22 ta' Ġunju 2015 l-Uffiċjali Prosekutur ikkonferma r-rapport tiegħu bil-ġurament;

L-imputat, li ma riedx ikun assistit minn Avukat minkejja l-isforzi tal-Qorti biex tikkonvinċih li huwa kellu l-jedd ikun assistit minn Avukat, tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu inkluż fis-sens illi għar-reati li għadu kif ammetta għalihom jista' jingħata piena ta' priġunerija u wara li tagħtu ftit taż-żmien sabiex jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura minnha, l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Il-Qorti rat li fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat, kif ukoll li dan sar fil-parametri tal-Artikolu 392A(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali, din l-istess Qorti, wara li kkonvertiet ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tqis li ma għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu. Mill-banda l-oħra l-Qorti tirrimarka li l-imputat ġie mixli mhux biss bil-kalunnja u l-ħolqien qarrieqi ta' provi foloz, iżda wkoll dik ta' ħolqien ta' reat.

Huwa minnu li l-Qorti semgħet lill-imputat jammetti għall-imputazzjonijiet kollha indistintament. Mill-banda l-oħra din il-Qorti tħoss li hija tista' tilqa' ammissjoni biss dment li din tkun fir-rigward ta' reati li ikunu jistgħu jitqiesu legalment integrati fiċ-ċirkostanzi tal-każ in kwantu, inter alia, ma jkunux inkomptabbli ma xulxin għal xi raġuni jew oħra. F'dan il-każ, l-imputat jirriżulta li indika li l-ġrieħi lamentati konsistenti fil-grif li kellu f'dirgħajh kienu sarulu mill-Uffiċjali Korrettivi li kienu qabduh u refgħuh. Pero evidentement dan ma kienx minnu. Issa pero dan ifisser li l-imputat identifika kjarament min (falsament) wettaqlu dawk il-ġrieħi. F'dan is-sens il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali ***Il-Pulizija vs Marco Risiott*** deċiża nhar it-2 ta' Marzu 2011 per Imħallef David Scicluna, fejn ġie deċiż li dan ir-reat għandu erba' elementi prinċipali :

Francesco Antolisei[2] jelenka erba' elementi biex jissussisti r-reat in kwistjoni:

(1) *"La simulazione deve avere per oggetto un reato vero e proprio (delitto o contravenzione)."* Kieku l-kaz kien verament jinvolvi anthrax, kien ikun hemm ksur tal- provvedimenti tal-Kap. 36 tal-Ligijiet ta' Malta.

(2) *"Il reato non deve essere avvenuto: deve, in altri termini, trattarsi di un reato immaginario."* F'dan il-kaz ma kienx hemm ksur tal-provvedimenti tal-Kap. 36 peress illi l-envelope kien jikkontjeni biss gir.

(3) *"La denuncia, diretta o indiretta, deve essere tale da poter determinare l'inizio di un procedimento penale.... Si tenga ben presente in proposito che non e` necessario che il procedimento penale abbia avuto inizio: la legge richiede soltanto la possibilita` di tale procedimento."* Il-ligi taghna wkoll tghid li t-tracci jridu jkunu **"b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir- reat kien sar"** (sottolinear ta' din il-Qorti). Jigifieri lanqas

[2] Manuale di Diritto Privato Parte Speciale II pp. 765 -766 (quinta edizione, 1966).

ma huwa necessarju li tali proceduri jinbdew. L-awtur Antolisei jirreferi ghal gurisprudenza tal-Qorti tal- Kassazjoni fis-sens li *"la Cassazione ha affermato in piu` occasioni essere sufficiente che la falsa notizia determini investigazioni o altri accertamenti preliminari da parte, anche soltanto, della polizia giudiziaria. Ed anzi ha asserito che basta all'integrazione dell'illecito la semplice possibilita` di investigazioni preliminari (Cass. 26 novembre 1963, in Mass. Pen. 1964, m. 699). Ha pure ritenuto che non occorre che la denunzia sia formalmente valida, bastando una qualsiasi narrazione, purche` fatta in modo da rendere non del tutto inverosimile il reato. Vedasi, ad es., Cass. 21 febbraio 1962, in Giust. Pen. 1962, II, 609, 572; Id. 28 febbraio 1958, ivi 958, II, 461; Id. 6 luglio 1957, ivi 1958, II, 61; Id. 16 ottobre 1951, ivi 1952, II, 494."* Fil-kaz in ezami saret inkjesta magisterjali mnejn gie determinat li t-trab fl-envelope kien biss gir.

(4) *"L'ultima condizione e` negativa. Non deve trattarsi di incolpazione personale, vale a dire, il fatto non deve essere attribuito a un determinato individuo, perche` altrimenti si avrebbe il delitto piu` grave di calunnia."* Dan l-element huwa sodisfatt ukoll peress illi l-appellant ma nkolpa lil hadd partikolari.

F'dan il-każ, il-Qorti tqis li ġaladarba l-imputat għażel li jorbot il-ġrieħi fi driegħu mal-Uffiċjali li kienu qabduh u refgħuh, iwassal biex l-aħħar element ma jistax jitqies li ġie soddisfatt.

Fiċ-ċirkostanzi il-Qorti ma tistax tqis li minn dak li rriżulta quddiemha, anke fl-isfond probatorju limitat, minkejja l-ammissjoni għar-raba imputazzjoni, il-Qorti ma tistax issibu ħati tagħha stante li r-reat mhux legalment sostenibbli fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

Inoltre, fir-rigward tat-tieni imputazzjoni jirriżulta mill-atti li n-natura tal-ġrieħi li jidhru f'idejn l-imputat kienu ta' natura ħafifa skont kif jirriżulta minn ċertifikat tat-tabib Mifsud eżibit fl-atti.  Dan ifisser li r-reat falsament ikkwerelat lill-Pulizija Eżekuttiva kien jikkonsisti fil-

kommissjoni ta' offiżi ta' natura ħafifa fuq il-persuna tal-imputat ad opera tal-Uffiċjali Korrettivi li qabduh u ġarrewh. Il-Qorti tqis għalhekk li l-piena massima erogabbli kontra ta' dawn il-persuni kieku misjuba ħatja taqa' fil-parametri tal-Artikolu 101(1)(b) u 110(1) b'riferenza għall-Artikolu 105 tal-Kodiċi Kriminali.

# **DECIDE**

li, filwaqt li ma ssibx lill-imputat ħati tar-raba' imputazzjoni stante li fiċ-ċirkostanzi mhix legalment sostenibbli u minnha tilliberah minn kull ħtija u piena, qegħda fil-kontemp issib fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu stess lil Anthony JAMES ħati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet miġjuba kontrih kif ukoll fil-ħames imputazzjoni tar-reċidiva f'delitti u wara li rat l-Artikoli 17(b)(d), 33A, 49, 50, 101(1)(b), 110(1) b'riferenza għall-Artikolu 105 u 338(ee) tal-Kodici Kriminali qieghda tikkundannah għal perjodu ta' **tmintax (18) il-xahar priġunerija**.

Il-Qorti tordna li ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali din is-sentenza flimkien mal-atti tal-kawża jiġi mibgħuta lill-Avukat Ġenerali fi żmien sitt ijiem tax-xogħol skont il-Liġi.

*Mogħtija illum it-22 ta' Settembru 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.*

*Aaron M. Bugeja.*